V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

DĠ Baġit

Pubblikazzjoni ta' post vakanti għall-kariga ta' Direttur (Grad AD 14)

Direttorat 'Twettiq tal-Baġit'

(L-Artikolu 29(2) tar-Regolamenti tal-Persunal)

COM/2011/10307

(2011/C 122 A/01)

Min aħna…

… ix-xogħol tad-Direttorat Ġenerali għall-Baġit (DĠ BAĠIT) huwa li jikseb mill-awtorità tal-baġit — il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Ministri — ir-riżorsi meħtieġa biex jimplimenta l-politika tal-Unjoni, biex iħeġġeġ tmexxija soda tal-fondi Komunitarji u biex jagħti rendikont tal-użu tal-approprjazzjonijiet. Huwa magħmul minn ħames direttorati stabbiliti fi Brussell u jħaddem madwar 590 persuna (inkluż il-persunal estern).

Ir-rwol baġitarju tad-Direttorat Ġenerali huwa li jamministra n-nefqa tal-Komunità fil-perspettiva finanzjarja fuq perjodu medju u fl-istess ħin li jiżgura li l-proċedura annwali tal-baġit issir mingħajr xkiel billi jippromwovi djalogu kostruttiv bejn l-istituzzjonijiet.

Minkejja li d-Direttorat Ġenerali għall-Baġit mhux involut fl-amministrazzjoni tal-approprjazzjonijiet, li ssir mid-dipartimenti operattivi tal-Kummissjoni, huwa responsabbli għall-ġbir tar-riżorsi proprji Komunitarji mingħand l-Istati Membri li jiffinanzjaw il-baġit tal-Unjoni.

Id-Direttorat Ġenerali jinkludi wkoll id-dipartiment tal-kontabilità tal-Kummissjoni u jħejji r-regoli li jirregolaw il-finanzi tal-Unjoni Ewropea u jippromwovi tmexxija finanzjarja soda fid-dipartimenti tal-Kummissjoni billi joffri pariri u taħriġ.

Id-Direttorat għat-Twettiq tal-Baġit, id-Direttorat C, jaħdem taħt l-awtorità diretta tal-Uffiċjal tal-Kontabilità, li jaqdi wkoll il-funzjonijiet ta' Deputat Direttur Ġenerali. Fi ħdanu hemm ukoll id-dipartiment tal-kontabilità tal-Kummissjoni li jħejji d-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-Unjoni (il-kontijiet tal-Kummissjoni u l-kontijiet konsolidati tal-istituzzjonijiet Ewropej) u li l-għan tiegħu huwa li d-DAS (Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni) tal-Qorti tal-Awdituri tibqa' pożittiva. Jimmaniġġja wkoll il-funzjonijiet tat-teżor u jwettaq il-pagamenti kollha u jirċievi d-dħul kollu, kemm għall-Kummissjoni kif ukoll għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp.

Id-Direttorat jieħu ħsieb l-irkupru ta' djun pendenti u jikkollabora mad-Direttorati Ġenerali li jawtorizzaw u mas-Servizz Legali biex jiżgura li jitħarsu l-interessi tal-Kummissjoni. Huwa jmexxi wkoll l-istruttura baġitarja ċentrali tas-sistema tal-kontabilità u jwettaq kontrolli ta' kwalità tas-sistemi kollha lokali ta' informazzjoni finanzjarja.

Qed nippropponu …

… l-kariga ta' Direttur għat-tmexxija tad-Direttorat C "Twettiq tal-Baġit". Id-Direttur tat-Twettiq tal-Baġit jirrapporta direttament lid-Deputat Direttur Ġenerali — l-Uffiċjal tal-Kontabilità u jipprovdi appoġġ tal-ogħla standard lid-Direttorat Ġenerali biex ikunu jistgħu jintlaħqu l-għanijiet politiċi tiegħu.

Id-Direttur tat-Twettiq tal-Baġit se jipprovdi t-tmexxija meħtieġa biex ix-xogħol ikun iffukat fuq il-kisba tal-għanijiet ġenerali tad-Direttorat Ġenerali u se jikkoordina u jissorvelja l-ħidma tal-kapijiet ta' unità. Huwa/hija għandu/ha jistabbilixxi/tistabbilixxi l-programm ta' ħidma u l-għanijiet tad-Direttorat skont il-programm ta' ħidma tad-Direttorat Ġenerali u għandu/ha jiżgura/tiżgura l-ippjanar u t-tmexxija tal-miżuri operattivi sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-programm ta' ħidma u biex jinkisbu l-punti ta' referenza għall-verifika tal-progress u r-riżultati mistennija.

Id-Direttur tat-Twettiq tal-Baġit se jkun responsabbli biex iżomm il-kontijiet tal-Kummissjoni u biex jipprepara d-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati tal-Istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni Ewropea taħt is-sorveljanza tal-Uffiċjal tal-Kontabilità. Id-dikjarazzjonijiet finanzjarji se jkunu msejsa fuq qafas ta' kontabilità li jissodisfa l-istandards internazzjonali rikonoxxuti.

Id-Direttur tat-Twettiq tal-Baġit huwa mistenni li jħeġġeġ il-kontinwità tal-proċess ta' titjib tas-sistemi ta' informazzjoni tal-Kummissjoni ta' rappurtar u mmaniġġjar.

Huwa/hija se jkun/tkun responsabbli mill-implimentazzjoni tal-pagamenti kollha tal-Istituzzjoni, mill-ġbir tad-dejn u mis-sorveljanza tat-teżor. It-teżor għamel 1,8 miljun pagament fl-2010, b'total globali ta' madwar EUR 122 biljun.

Huwa/hija jista'/tista' jissejjaħ/tisejjaħ biex jirrappreżenta/tirrappreżenta d-Direttorat jew id-Direttorat Ġenerali f'laqgħat rilevanti tas-servizz intern jew tal-Kummissjoni, kif ukoll fil-Parlament u fil-Kunsill dwar kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza tad-Direttorat.

Id-Direttorat huwa magħmul minn madwar 130 impjegat permanenti.

Qed infittxu (kriterji tal-għażla) …

…Tingħata preferenza lill-kandidati li għandhom:

— għarfien u esperjenza eċċellenti fil-kontabilità pubblika u baġitarja moderna

— għarfien u esperjenza tajba tar-regoli finanzjarji u baġitarji u tal-proċeduri u r-regoli dwar l-implimentazzjoni tal-baġit

— għarfien tajjeb tal-kwistjonijiet u l-proċeduri marbuta mar-rilaxx (id-deċiżjoni li tittieħed mill-awtorità li għandha s-setgħa (il-Parlament), li teħles lill-eżekuttiv (il-Kummissjoni) mid-dmir tiegħu li jimplimenta l-baġit, biex b'hekk jingħalaq definittivament iċ-ċiklu baġitarju)

— għarfien tajjeb tal-funzjonament tal-Kummissjoni u tal-proċeduri għat-teħid ta' deċiżjonijiet

— ħiliet biex jissolvew problemi u kapaċità intellettwali eċċellenti

— ġudizzju sod u kapaċità ta' ħidma f'mumenti ta' pressjoni u ta' skadenzi qosra

— kapaċità soda fil-komunikazzjoni u fin-negozjar u ħiliet interpersonali, li permezz tagħhom il-kandidat ikun kapaċi jmexxi diskussjonijiet, jikkomunika b'mod ċar u jiffaċilita s-soluzzjoni tal-konflitti

— suċċess ippruvat f'karigi maniġerjali, fejn ikunu wrew kapaċitajiet estensivi ta' tmexxija kif ukoll il-kapaċità li jimmotivaw persunal iddedikat u li jagħtuh is-setgħa kif ikun meħtieġ. Esperjenza soda fil-kariga ta' tmexxija ta' dipartiment kbir tal-finanzi u/jew tal-kontabilità se titqies bħala vantaġġ

— il-ħiliet ta' netwerking meħtieġa biex jinżammu l-kuntatti fi ħdan u barra mid-Direttorat Ġenerali u l-Istituzzjoni, bil-għan li jiġu kkonfrontati diversi sfidi tad-Direttorat

— għarfien prattiku tajjeb tal-lingwa Ingliża; il-konoxxenza ta' lingwi oħrajn se titqies bħala vantaġġ.

Il-kandidati għandhom (kriterji tal-eliġibbiltà) …

1. Ikunu ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

2. Ikollhom:

   i) jew livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji li tlestew, iċċertifikati b'diploma, fejn il-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' 4 snin jew aktar;

   jew

   ii) livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji li tlestew, iċċertifikati b'diploma, u esperjenza professjonali xierqa ta' mill-inqas sena, fejn il-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' mill-inqas tliet snin;

3. Ikollhom mill-inqas 15-il sena esperjenza professjonali wara l-lawrja f'livell li jagħtu aċċess għalih il-kwalifiki msemmijin hawn fuq. Mill-inqas 5 snin minn din l-esperjenza professjonali għandha tkun f'kariga maniġerjali ta' livell għoli ([1]) u għandha tkun direttament relatata mal-qasam rilevanti għal din il-pożizzjoni;

4. Ikollhom għarfien tajjeb ħafna ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u għarfien adegwat ta' lingwa uffiċjali oħra minn fost dawn il-lingwi.

5. Ma jkunux għadhom laħqu l-età tal-irtirar, li għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hi definita bħala l-aħħar tax-xahar li fih il-persuna tilħaq l-età ta' 65 sena (ara l-Artikolu 52 lit (a) tar-Regolamenti tal-Persunal).

Indipendenza u dikjarazzjoni tal-interessi:

Il-kandidati huma mitluba jikkonfermaw ir-rieda tagħhom li jagħmlu dikjarazzjoni dwar l-impenn tagħhom li jaġixxu b'mod indipendenti fl-interess pubbliku u dikjarazzjoni ta' kull interess li jista' jiġi kkunsidrat bħala li jippreġudika l-indipendenza tagħhom.

Ħatra u kundizzjonijiet tal-impjieg:

Id-Direttur se jintgħażel u se jinħatar mill-Kummissjoni skont il-proċeduri tal-għażla u tar-reklutaġġ tagħha (ara wkoll id-Dokument ta' Kumpilazzjoni dwar il-Politika dwar Uffiċjali Għolja). Bħala parti minn din il-proċedura tal-għażla, il-kandidati li jissejħu għal intervista mill-Kumitat Konsultattiv tal-Kummissjoni għall-Ħatriet, qabel ikollhom jipparteċipaw f'ċentru ta' valutazzjoni mmexxi minn konsulenti esterni tar-reklutaġġ.

Il-kandidati huma mgħarrfa li l-proċeduri tal-għażla se jsiru bl-Ingliż u/jew bil-Franċiż biss ([2]);

Is-salarji u l-kundizzjonijiet tal-impjieg huma dawk stipulati fir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali fil-grad AD 14 tal-Unjoni Ewropea. L-applikanti għandhom iqisu r-rekwiżit għall-persunal ġdid kollu, skont ir-Regolamenti tal-Persunal, li jtemmu b'suċċess żmien ta' prova ta' disa' xhur.

([1]) Fis-CV tagħhom, l-applikanti għandhom jindikaw, għall-inqas għal dawk il-5 snin li fihom kienu kisbu esperjenza maniġerjali ta' livell għoli: (1) it-titolu u r-rwol tal-karigi maniġerjali li kellhom, (2) in-numru ta' impjegati li kienu jmexxu f'dawn il-pożizzjonijiet, (3) id-daqs tal-baġits ġestiti, u (4) in-numru ta' livelli ġerarkiċi 'l fuq u 'l isfel u n-numru ta' persuni fl-istess livell.

([2]) Il-bordijiet tal-għażla se jiżguraw li ma jingħata l-ebda vantaġġ mhux mistħoqq lill-kandidati li huma kelliema nattivi ta' dawn il-lingwi.

Opportunitajiet indaqs:

L-Unjoni Ewropea tapplika politika ta' opportunitajiet indaqs.

Proċedura tal-applikazzjoni:

Qabel ma tissottometti l-applikazzjoni tiegħek, għandek tiċċekkja b'attenzjoni jekk tissodisfax il-kriterji kollha tal-eliġibbiltà ("Il-kandidati għandhom"), b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw it-tipi ta' diplomi u l-esperjenza professjonali meħtieġa. Min ma jissodisfax xi wieħed mir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà jiġi eskluż awtomatikament mill-proċedura tal-għażla.

Jekk tixtieq tapplika, għandek **tirreġistra permezz tal-Internet** billi żżur il-websajt: https://ec.europa.eu/dgs/human-resources/seniormanagementvacancies/CV_Encadext u ssegwi l-istruzzjonijiet li jikkonċernaw l-istadji varji ta' din il-proċedura.

Hija responsabbiltà tiegħek li r-reġistrazzjoni onlajn issir fil-ħin ([3]). Nirrakkomandaw bis-sħiħ li ma tistenniex sal-aħħar ftit jiem biex tapplika, għaliex minħabba xi konġestjoni kbira fuq l-Internet jew xi difett fil-konnessjoni tiegħek tal-Internet, ir-reġistrazzjoni onlajn tista' tiġi mitmuma qabel ma tkun lestejtha, u b'hekk ikollok tirrepeti l-proċess kollu. Ladarba jiskadi ż-żmien għas-sottomissjoni tar-reġistrazzjonijiet, ma tkun tista' żżid l-ebda informazzjoni oħra. Bħala regola ġenerali, ir-reġistrazzjonijiet bil-posta elettronika normali li jaslu tard ma jiġux aċċettati.

Irid ikollok indirizz tal-posta elettronika validu. Dan l-indirizz jintuża biex tiġi identifikata r-reġistrazzjoni tiegħek kif ukoll biex tiġi informat bir-riżultat tal-proċedura. Għaldaqstant, huwa dmir tiegħek li tinforma lill-Kummissjoni Ewropea f'każ ta' xi bidla fl-indirizz tal-posta elettronika tiegħek.

Biex l-applikazzjoni tiegħek tkun kompluta, jeħtieġ li ttella' CV fil-format WORD jew PDF u li timla, onlajn, ittra ta' motivazzjoni (massimu ta' 8 000 karattru). Kemm is-CV kif ukoll l-ittra għandhom ikunu bl-Ingliż, bil-Franċiż jew bil-Ġermaniż.

Meta tlesti r-reġistrazzjoni onlajn tiegħek, inti tirċievi fuq l-iskrin in-numru tar-reġistrazzjoni li għandek tiktbu u tiftakru — dan ikun in-numru ta' referenza tiegħek f'kull kwistjoni li tirrigwarda l-applikazzjoni tiegħek. Meta tirċievi dan in-numru, il-proċess tar-reġistrazzjoni jkun intemm — in-numru huwa l-konferma li aħna nkunu rreġistrajna l-informazzjoni li tkun daħħalt. **Jekk ma tirċievi l-ebda numru, l-applikazzjoni tiegħek ma tkunx ġiet irreġistrata!**

Jekk jogħġbok innota li **mhuwiex** possibbli li ssegwi l-progress tal-applikazzjoni tiegħek onlajn. Inti se tiġi kkuntattjat/a dwar l-istat tal-applikazzjoni tiegħek direttament mid-DĠ li qiegħed jirrekluta.

Jekk tbati minn diżabbiltà li ma tippermettilekx li tirreġistra onlajn, tista' tibgħat l-applikazzjoni (is-CV u l-ittra ta' motivazzjoni) miktubin fuq karta permezz tal-posta rreġistrata ([4]), b'timbru postali li jindika data li ma tkunx iktar tard mid-data tal-għeluq tar-reġistrazzjoni. Kull komunikazzjoni sussegwenti bejnek u bejn il-Kummissjoni se tkun bil-posta. F'dan il-każ, mal-applikazzjoni tiegħek għandek tehmeż ċertifikat li jiċċertifika d-diżabbiltà tiegħek, maħruġ minn entità rikonoxxuta. Għandek issemmi wkoll, fuq karta separata, kull arranġament speċjali li taħseb li jkun meħtieġ biex jiffaċilita l-parteċipazzjoni tiegħek fl-għażla.

Jekk teħtieġ aktar tagħrif u/jew tiltaqa' ma' problemi tekniċi, jekk jogħġbok ibgħat email lil HR-A2-MANAGEMENT-ONLINE@ec.europa.eu.

Data tal-għeluq:

Id-data tal-għeluq għar-reġistrazzjoni hi l-20 ta' Mejju 2011. Ir-reġistrazzjoni onlajn mhux se tkun possibbli wara nofsinhar (12:00), ħin ta' Brussell.

([3]) Mhux aktar tard min-nofsinhar (12:00), ħin ta' Brussell, fl-20 ta' Mejju 2011.

([4]) Il-Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali Riżorsi Umani u Sigurtà, Unità għall-Persunal Eżekuttiv u Segretarjat CCA, COM/2011/10307, SC11 08/030, B-1049 Brussell.